

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Polonja

Talbiet

— Tiddikjara li, billi naqset milli tadotta l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mal-imsemmija direttiva u, f'kull każ billi naqset milli tikkomunikhom lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Frar 2006, dwar l-immaniġġjar tal-kwalità tal-ilma għall-għawm u li tħassar id-Direttiva 76/160/KEE⁽¹⁾.

— Tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu sabiex id-Direttiva 2006/7/KE tiġi implementata fid-dritt nazzjonali skada fl-24 ta' Marzu 2008.

⁽¹⁾ ĠU L 64, p. 37

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado Contencioso Administrativo n° 3 de Pontevedra (Spanja) fit-23 ta' Novembru 2009 — Ana María Iglesias Torres vs Consejería de Educación de la Junta de Galicia

(Kawża C-456/09)

(2010/C 24/62)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado Contencioso Administrativo n° 3 de Pontevedra

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Ana María Iglesias Torres

Konvenuta: Consejería de Educación de la Junta de Galicia

Domandi preliminari

- (1) Id-Direttiva 1999/70/KE⁽¹⁾ tapplika għall-personal temporanju tal-Komunità Awtonoma ta' Galicia?
- (2) Huwa possibbli li l-Artikolu 25(2) tal-Liġi 7/2007 jiġi kkunsidrat bħala miżura nazzjonali li tittrasponi din id-direttiva, meta f'din il-liġi m'hemm ebda referenza għal-leġiżlazzjoni Komunitarja?
- (3) Fil-każ ta' risposta affermattiva għat-tieni domanda, dan l-Artikolu 25(2) EBEP għandu bilfors jitqies bħala miżura nazzjonali ta' traspożizzjoni li jirreferi għaliha r-raba' punt tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta'

April 2008 (Kawża Impact)⁽²⁾ jew l-Istat Spanjol għandu l-obbligu li japplika retroattività biss għal remunerazzjonijiet li jirriżultaw minn inkrementazzjonijiet ta' kull tliet snin li huwa jirrikonoxxi skont id-direttiva?

- (4) Fil-każ ta' risposta negattiva għat-tieni domanda, id-Direttiva 1999/70/KE tapplika direttament għal din il-kawża skont il-prinċipji stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja "Del Cerro"⁽³⁾?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368.

⁽²⁾ Kawża C-268/06, Impact, Ġabra p. I-2483.

⁽³⁾ Sentenza tat-13 ta' Settembru 2007, Del Cerro Alonso (C-307/05, Ġabra p. I-7109).

Appell ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2009 mir-Repubblika Taljana mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tielet Awla) fl-4 ta' Settembru 2009 fil-Kawża T-211/05, Ir-Repubblika Taljana vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-458/09 P)

(2010/C 24/63)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Appellanti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentant: G. Palmieri, aġent)

Appellata: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tal-appellanti

— tiddikjara l-appell ammissibbli;

— tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-4 ta' Settembru 2009 fil-Kawża T-211/05 (Ir-Repubblika Taljana vs Il-Kummissjoni), innotifikata permezz ta' ittra rreġistrata tal-4 ta' Settembru 2009 Nru 405966 riċevuta fit-8 ta' Settembru 2009 u, konsegwentament, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/261/KE, tas-16 ta' Marzu 2005, dwar l-iskema ta' għajnuma C8/2004 (ex NN 164/2003) implementata mill-Italja favur kumpanniji reċentement ikkwotati fil-borża (innotifikata bin-numru C(2005) 591).

Aggravji u argumenti prinċipali

L-ewwel aggravju. Ksur tal-Artikoli 10 u 13 tar-Regolament Nru 659/1999⁽¹⁾ ("proċedura għajnuma mill-Istat"), tal-Artikolu 88(2) KE u tal-prinċipju tal-kontradittorju. Żball manifest ta' evalwazzjoni tad-dokumenti.